MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 385/2013

**Fl-atti tac-Cedola ta' Depozitu Nru. 1123/13 fl-ismijiet:**

**Il-Marixxall**

**Vs**

**Joseph u Mary Zahra u Micheal Spiteri**

**Illum 27 ta' Frar 2014**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Carmel Dominic Spiteri u martu Theresa Spiteri fis-6 ta' Dicembru 2013 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jirrilaxxa favur taghhom l-ammont ta' sitt elef disa' mija wiehed u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€6,971.47) depozitati f'idu permezz ta' Bank Draft Nru. 936637 in segwitu ghac-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1123/13, stante li dawn jappartjenu lilhom u dan in linea mad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-Numru

207/13FDP deciza fid-29 ta’ Novembru 2013, bl-ispejjez kontra Joseph u Mary konjugi Zahra u taht dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa w opportuni;

Rat is-sentenza wara r-Rikors bin-Numru 207/13 fl-Atti tal-Mandat ta’ Qbid 218/13 fl-ismijiet “Joseph u Mary konjugi Zahra v. Michelle Spiteri” pronuncjata fid-29 ta’ Novembru 2013 annessa mar-Rikors promotur;

Rat ir-Risposta ta’ Joseph u Mary konjugi Zahra permezz ta’ liema jopponu ghat-talba tar-Rikorrenti konjugi Spiteri u jitolbu li l-istess tigi michuda stante li: (i) l-okkju citat minnhom huwa zbaljat ghaliex ic-Cedola ta’ Depozitu ma saritx fl-ismijiet “Zahra v. Spiteri” izda “Marixxall v. Joseph u Mary Zahra u Michelle Spiteri”; (ii) it-talba tar-Rikorrenti hija fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz wahda irritwali ghaliex ir-Rikorrenti ghazlu li jhallsu l-ammont mertu tal-Mandat u ghaddew dan il-hlas lill-Marixxall li kienet qed tesegwixxi l-istess Mandat; (iii) kieku l-Mandat ta’ Qbid gie esegwit ir-Rikorrenti setghu jghaddu biex jopponu l-esekuzzjoni tal-Mandat izda huma ghazlu minflok li jhallsu l-ammont dovut; (iv) ladarba r-Rikorrenti ghazlu li l-Mandat ma jigix esegwit billi hallsu l-ammont pretiz fih, issa ma jistax jerga’ jibdielhom u jippretendu li jiehdu lura l-ammont li hallsu; (v) il-pretensjoni tar-Rikorrenti li Michelle Spiteri m’ghandha l-ebda konnessjoni mal-hanut “Watercolours” fejn gie esegwit il-Mandat ta’ Qbid hija insostenibbli stante li l-istess Michelle Spiteri hija bint ir-Rikorrenti u tghix maghhom; (vi) ghalkemm it-talba tar-Rikorrenti hija bbazata fuq id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) pronuncjata fid-29 ta’ Novembru 2013, b’dik id-decizjoni l-Qorti ma ppronunzjatx ruhha fir-rigward ta’ l-izbank ta’ l-ammont pretiz mir-Rikorrenti, anzi astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba f’dak is-sens kif avvanzata mir-Rikorrenti f’dawk il-proceduri; (vii) huma wkoll ipprezentaw Rikors ghall-izbank tal-flus depozitati permezz ta’ Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 1123/13, liema Rikors ghadu pendenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Rat l-atti tar-Rikors bin-Numru 207/12 fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13 fl-ismijiet "Joseph u Mary Zahra v. Michelle Spiteri" u l-atti ta' l-istess imsemmi Mandat ta' Qbid, li gew allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti konjugi Spiteri jitolbu r-rilaxx tas-somma ta' €6,971.47 depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti mill-Marixxall Carmen Pisani inkarigata bl-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid fl-ismijiet "Joseph Zahra et v. Michelle Spiteri" bin-Numru 218/13, permezz tac-Cedola ta' Depozitu fl-ismijiet "Marixxall v. Joseph u Mary Zahra u Micheal Spiteri" bin-Numru 1123/13. Huma jibbazaw it-talba taghhom fuq il-fatt illi b'decizjoni moghtija fid-29 ta' Novembru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta rrevokat l-esekuzzjoni ta' l-imsemmi Mandat ta' Qbid gewwa l-fond ta' l-istess Rikorrenti bl-isem "Watercolours" Dawret il-Gzejjer, Bugibba. L-intimati konjugi Zahra jopponu ghat-talba tar-Rikorrenti u jitolbu li l-istess tigi michuda stante li: (i) fl-ewwel lok l-okkju citat mir-Rikorrenti huwa zbaljat ghaliex ic-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1123/13 ma saritx fl-ismijiet "Zahra v. Spiteri" izda "Marixxall v. Joseph u Mary Zahra u Michelle Spiteri"; (ii) it-talba tar-Rikorrenti hija fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz wahda irritwali ghaliex ir-Rikorrenti ghazlu li jhallsu l-ammont mertu tal-Mandat u ghaddew dan il-hlas lill-Marixxall li kienet qed tesegwixxi l-istess Mandat; (iii) kieku l-Mandat ta' Qbid gie esegwit ir-Rikorrenti setghu jghaddu biex jopponu l-esekuzzjoni tal-Mandat izda huma ghazlu minflok li jhallsu l-ammont dovut; (iv) ladarba r-Rikorrenti ghazlu li l-Mandat ma jigix esegwit billi hallsu l-ammont pretiz fih, issa ma jistax jerga' jibdielhom u jippretendu li jiehdu lura l-ammont li hallsu; (v) il-pretensjoni tar-Rikorrenti li Michelle Spiteri m'ghandha l-ebda konnessjoni mal-hanut "Watercolours" fejn gie esegwit il-Mandat ta' Qbid hija insostenibbli stante li l-istess Michelle Spiteri hija bint ir-Rikorrenti u tghix maghhom; (vi) ghalkemm it-talba tar-Rikorrenti hija

ibbazata fuq id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) pronuncjata fid-29 ta’ Novembru 2013, b’dik id-decizjoni l-Qorti ma ppronunzjatx ruhha fir-rigward ta’ l-izbank ta’ l-ammont pretiz mir-Rikorrenti, anzi astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba f’dak is-sens kif avvanzata mir-Rikorrenti f’dawk il-proceduri; (vii) huma wkoll ipprezentaw Rikors ghall-izbank tal-flus depozitati permezz ta’ Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 1123/13, liema Rikors ghadu pendenti.

Il-Qorti se tittratta l-ewwel il-kwistjoni dwar l-izball fl-okkju kif citat mir-Rikorrenti ossia l-fatt li flok ma indikaw ic-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 1123/13 fl-ismijiet “Il-Marixxall v. Joseph u Mary Zahra u Micheal Spiteri” [li huwa effettivament l-okkju tac-Cedola kif imnizzel mill-Marixxall] indikaw l-imsemmija Cedola ta’ Depozitu bl-ismijiet “Joseph u Mary Zahra v. Michelle Spiteri”. Fil-fehma tal-Qorti ghad illi dan l-izball jehtieg li jigi debitament korrett ma huwiex tali li wahdu ghandu jwassal ghac-cahda tat-talba tar-Rikorrenti.
In effetti l-Qorti hija appuntu tal-fehma li din il-kwistjoni tista’ tigi sorvolata bid-debita korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri odjerni u dana minghajr ebda forma ta’ pregudizzju lill-intimati li fl-ahhar mill-ahhar fir-Risposta taghhom ressqu ragunijiet estensivi u dettaljati, apparte dik ta’ l-izball fl-okkju tal-proceduri, ghalfejn skonthom it-talba tar-Rikorrenti ghandha tigi michuda.

Fid-dawl ta’ dan u fid-dawl ta’ dak osservat mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Brian Valenzia noe v. Joseph Camilleri noe, Citaz. Nru. 1207/85** deciza fit-12 ta’ Gunju 2001, fejn il-Qorti ta’ Prim’ Istanza kienet minn rajjha ordnat korrezzjoni fl-okkju ta’ dawk il-proceduri, korrezzjoni in segwitu kontestata mill-parti konvenuta fir-Rikors ta’ l-Appell taghha mid-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti, *jibda biex jinghad illi kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant nomine, m’hemm xejn irregolari fil-fatt illi Qorti li tingieb a konjizzjoni taghha irregolarità procedurali fl-atti processwali, tiehu dawk il-passi necessarji – anke permezz ta’ decizjoni f’gudikat taghha – biex tordna l-korrezzjoni mehtiega sabiex l-atti jigu mqeghda in regola*, il-Qorti tqis li l-okkju ta’ dawn il-proceduri ghandu jigi

korrett biex jigi jaqra bhall-okkju tac-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1123/13, ossia li jigi jaqra "Fl-atti tac-Cedola ta' Depozitu 1123/13 fl-ismijiet: Il-Marixxall v. Joseph u Mary Zahra u Micheal Spiteri".

Trattata din il-kwistjoni l-Qorti ser tghaddi issa biex tittratta l-mertu proprio ta' dawn il-proceduri u cioè jekk ir-Rikorrenti effettivament ghandhomx jedd o meno li jitolbu ir-rilaxx favur taghhom tas-somma ta' €6,971.47 depozitata mill-Marixxall Carmen Pisani taht l-Awtorità ta' din il-Qorti bis-sahha tac-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1123/13 in esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13 fl-ismijiet "Joseph Zahra et v. Michelle Spiteri", u ghal tali skop ser tibda biex tittratta zewg sottomissjonijiet partikolari avvanzati mill-intimati in opposizzjoni ghat-talba tar-Rikorrent.

Fir-Risposta taghhom l-intimati jikkontendu li t-talba tar-Rikorrenti ghandha tigi michuda ghaliex *fil-mertu, l-esponent ma jistax jifhem kif ir-rikorrent qed jippretendi li ghandu jirrizulta illi d-debitrici Michelle Spiteri m'ghandha l-ebda konnessjoni mal-hanut Watercolours fejn gie ezegwit il-Mandat. Din Michelle Spiteri tigi wara kollox bint ir-rikorrent Carmel Spiteri tghix mieghu u ma' ommha. Tul il-proceduri kollha r-rikorrenti ghamlu diversi tentattivi biex jevadu l-hlas skont is-sentenza hawn fuq citata (u dan wara li tul il-kawza ghalkemm notifikati u pprezentaw risposta, ma ressqux provi). Tant huwa minnu dan illi sar rikors biex jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront tar-rikorrent u l-esponent kellu addirittura jintavola proceduri ta' mandat in procinctu. Pero d-digriet ghal tali mandat kien fis-sens illi dak il-mandat jinhareg biss meta ma jkunx hemm possiblità li jigu esegiwiti mandati ohra.*

Il-Qorti tosserva li din is-sottomissjoni partikolari kienet già giet sollevata mill-intimati in opposizzjoni ghat-talba tar-Rikorrenti bir-Rikors bin-Numru 207/13 fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv Nru. 218/13 fl-ismijiet "Joseph u Mary konjugi Zahra v. Michelle Spiteri" u **respinta minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni tad-29 ta' Novembru 2013**.

Fir-rigward fl-imsemmija decizjoni tad-29 ta’ Novembru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta osservat illi *jirrizulta mill-provi prodotti illi Michelle Spiteri kienet giet innotifikata fil-hanut tal-genituri taghha ossija “Water Colours” Dawret il-Gzejjer, Bugibba. Illi kien ghalhekk illi l-intimati konjugi Zahra ghaddew biex jipprocedu bil-hrug ta’ Mandat ta’ Qbid fil-fond tal-genituri taghha, ossija il-hanut taghhom. Il-Qorti tista’ tifhem illi ladarba kienu qed jinnotifikaw lil Michelle Spiteri gewwa l-fond ossija hanut tal-genituri taghha, inkluz missierha r-rikorrent, allura setghu hasbu illi l-istess Michelle Spiteri kellha l-hanut fejn ghazlu illi jaghmlu il-Mandat ta’ Qbid, izda, huwa ghal kollox zbalorditiv kif l-intimati Zahra, u aktar u aktar, il-konsulenti legali taghhom, wara illi raw il-proceduri odjerni, ghazlu illi jinsistu bil-Mandat ta’ Qbid taht il-pretest illi Michelle Spiteri hija binthom u tghix maghhom u ghalhekk ma kien hemm ebda raguni ghaliex ma jaghmlux il-Mandat ta’ Qbid fil-fond tar-rikorrent[1]. Illi ma huwa b’ebda mod ikkontestat illi Michelle Spiteri hija maggorenni u ma huwa b’ebda mod ikkontestat ukoll illi l-hanut fejn gie ezegwit il-Mandat ta’ Qbid meritu tar-rikors odjern huwa proprjeta mikrija unikament lir-rikorrent Carmel Domnic Spiteri u martu Theresa Spiteri. Illi ghalhekk, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-Mandat ta’ Qbid meritu tal-kawza odjerna, ghalkemm ezegwit kif trid il-Ligi, ghandu jigi revokat peress illi ma hemm ebda ness bejn it-titolu ezekuttiv illi l-intimati konjugi Zahra ghandhom kontra Michelle Spiteri u l-fond fejn gie ezegwit il-Mandat meritu tal-kawza ojderna, ossija “Water Colours” Dawret il-Gzejjer, Bugibba[2].*

Minn dan johrog car ghalhekk li llum hemm pronunzjament fir-rigward ta’ din is-sottomissjoni partikolari ta’ l-intimati, pronunzjament li del resto din il-Qorti kif issa presjeduta taqbel perfettament mieghu ghaliex Hi wkoll hija tal-fehma li dak sottomess mill-intimati bl-ebda mod ma jiggustifka, tanto meno mill-aspett legali, l-operat taghhom fil-konfront tar-Rikorrenti, u allura l-istess intimati ma jistghux jippretendu li jergghu jivventilaw b’success din is-sottomissjoni fir-rigward tat-

[1] Sottolinear ta’ din il-Qorti.
[2] Sottolinear ta’ din il-Qorti.

talba odjerna tar-Rikorrenti ghar-rilaxx tas-somma ta' €6,971.47.

L-intimati jikkontendu wkoll li *r-rikorrent qieghed jitlob li l-flus in kwistjoni jigu rilaxxjati in linea mad-decizjoni tad-29 ta' Novembru 2013. Pero d-decizjoni in kwistjoni ma ddecidietx f'dan is-sens. Dik il-Qorti anzi ppronunzjat ruhha fis-sens illi kienet ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba gahll-izbank li kienu saru fl-atti ta' dawk il-proceduri*. Fil-fehma ta' din il-Qorti però din is-sottomissjoni ta' l-intimati bl-ebda mod ma tista' twassal ghac-cahda tat-talba tar-Rikorrenti kif issa avvanzata f'dawn il-proceduri stante li dak osservat u konsegwentement pretiz mill-intimati huwa interpretazzjoni restrittiva, jekk mhux addirittura zbaljata, ta' l-import guridiku tad-decizjoni tad-29 ta' Novembru 2013.

Ghalkemm huwa veru li fir-Rikors bin-Numru 207/13 fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv Nru. 218/13 fl-ismijiet "Joseph u Mary konjugi Zahra v. Michelle Spiteri" ir-Rikorrenti odjerni kienu talbu fost affarijiet ohra li l-Qorti *tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jirrilaxxa favur l-esponenti l-ammont ta' sitt elef disa' mija wiehed u sebghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€6,971.47) depositati f'idu permezz ta' Bank Draft nru. 936637 stante li dawn jappartjenu lill-esponenti li huma estranei ghal dawn il-proceduri u dan taht dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni* u li fid-decizjoni tad-29 ta' Novembru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta kienet astjeniet milli tieghu konjizzjoni ta' l-istess talba, wiehed irid jara ghaliex il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba qabel ma jista' jikkonkludi li t-talba odjerna tar-Rikorrenti kif impostata fuq id-decizjoni tad-29 ta' Novembru 2013 ghandha tigi michuda.

Fir-rigward ta' din it-talba partikolari tar-Rikorrenti, fid-decizjoni Taghha tad-29 ta' Novembru 2013 il-Qorti osservat illi *r-rikorrent, fir-rikors promotur tieghu, ghamel erbgha talbiet differenti sabiex jigu kkunsidrati mill-Qorti. L-ewwel talba hija sabiex il-Qorti tordna lir-Registratur ma jizbankax il-flus iddepositati fil-Qorti filwaqt illi r-raba' talba*

*hija sabiex il-flejjes depositati fil-Qorti jigu rilaxxati favur ir-rikorrent. Il-Qorti tinnota, l-ewwel u qabel kollox, illi dawn huma zewg talbiet intrinsikament opposti u ghalhekk huwa kemm xejn difficili illi fl-istess rikors jitlobhom flimkien. Madanakollu, il-Qorti tirrileva illi l-proceduri odjerni illi hija qieghda tikkunsidra huma dawk tal-Mandat ta' Qbid u mhux tal-flejjes iddepozitati permezz ta' Cedola ta' Depositu 1123/13. Ghalhekk dawn it-talbiet ma jistghux jigu kkunsidrati minn din l-Qorti fil-proceduri odjerni, peress illi huma proceduri li ghandhom isiru fl-atti tac-Cedola ta' Depositu u mhux fl-atti odjerni[3].*

Ir-raguni ghalfejn il-Qorti kif diversament ippresjeduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tar-Rikorrenti ghar-rilaxx ta' l-ammont ta' €6,971.47 kif avvanzata fir-Rikors fl-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13 hija wahda ferm cara u kuntrarjament ghal dak pretiz mill-intimati bl-ebda mod ma timpingi fuq il-validità tat-talba avvanzata mill-istess Rikorrenti f'dawn il-proceduri u fuq il-korrettezza ta' l-affermazzjoni taghhom li dawn il-proceduri u t-talba relattiva huma ibbazati fuq id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' Novembru 2013. In effetti ghandu jirrizulta bil-wisq ovvju w evidenti li r-Rikorrenti jibbazaw it-talba odjerna taghhom fuq id-decizjoni tal-Qorti li *t-tieni talba hija sabiex il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent huwa totalment estraneju minn kull litigazzjoni ghal proceduri "Joseph u Mary konjugi Zahra vs Michelle Spiteri" Rik. Nru. 123/12 deciz fl-14 ta' Dicembru 2013. Il-Qorti tara illi ma huwiex il-mansjoni taghha illi toqghod tiddikjara dak illi huwa manifestament ovvju u li kellu jkun hekk lir-rikorrenti. L-okkju tal-kawza huwa car u l-Qorti ma ghandha bzonn taghmel ebda dikjarazzjoni kif mitlub mir-rikorrent. It-tielet talba hija dik ghar-revoka u thassir tal-Mandat ta' Qbid meritu tar-rikors odjern in kwantu dana jirrigwarda l-ezekuzzjoni tieghu gewwa l-fond "Water Colours" Dawret il-Gzejjer, Bugibba, u dana a tenur ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12. Il-Qorti, kif gia qalet, ma ghandha ebda dubju illi hemm ragunijiet sufficjenti illi l-Mandat meritu tal-kawza odjerna jigi revokat in kwantu jirrigwarda l-ezekuzzjoni fil-fond tar-rikorrenti* u

[3] Sottolinear tal-Qorti.

konsegwentement ghaddiet biex tilqa' t-talba tar-Rikorrenti ghar-revoka ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13 fir-rigward tal-fond "Watercolours" Dawret il-Gzejjer, Bugibba.

L-intimati jopponu ghat-talba tar-Rikorrenti ghar-rilaxx ta' l-ammont ta' €6,971.47 in bazi ghall-kontestazzjoni ulterjuri li ladarba huma ghazlu li jhallsu dak l-ammont f'idejn il-Marixxall inkarigata mill-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13 biex jevitaw l-elevazzjoni ta' oggetti minn gewwa l-fond "Watercolours" Dawret il-Gzejjer, Bugibba, ma jistghux issa jippretendu li jbiddlu l-fehma taghhom u jesigu li dak l-ammont jigi rilaxxat favur taghhom. Jikkontendu wkoll li fi kwalunkwe kaz huma wkoll kien ghamlu talba ghall-izbank ta' dak l-istess ammont.

Fil-fehma tal-Qorti din il-kontestazzjoni ta' l-intimati hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante li kompletament tinjora l-import guridiku tad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fid-29 ta' Novembru 2013, li biha effettivament giet revokata l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13 fir-rigward tal-fond "Watercolours" Dawret il-Gzejjer, Bugibba, in kwantu r-Rikorrenti ma ghandhom ebda konnessjoni ma' u kwidni ebda obbligu nascenti mit-titolu ezekuttiv li l-intimati ghandhom fil-konfront tad-debitrici Michelle Spiteri.

Il-hlas ta' l-ammont pretiz mill-kreditur ezekutant waqt l-esekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid jikkostitwixxi parti integrali minn tali esekuzzjoni u dana kif johrog mill-Artikolu 284(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *fl-esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid, huwa biss l-ammont shih mitlub mill-kreditur li jista' jithallas mid-debitur f'idejn l-ufficjal ezekuttiv tal-qorti*. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mill-intimati kemm-il darba l-esekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid tigi revokata b'decizjoni tal-Qorti, hekk kif gara fil-kaz tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13, dak kollu marbut ma' dik l-esekuzzjoni inkluz ghalhekk il-hlas effettwat f'idejn il-Marixxall inkarigat minn tali esekuzzjoni, necessarjament jisfa effettwat b'dik ir-revoka. Ladarba din

il-Qorti diversament presjeduta rrevokat l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13 fir-rigward tal-fond "Watercolours" Dawret il-Gzejjer, Bugibba, fil-pussess tar-Rikorrenti, necessarjament jirrizulta li l-hlas effettwat mir-Rikorrenti fil-kuntest ta' dik l-esekuzzjoni ghandu jigi restitwit lill-istess Rikorrenti. Kwalunkwe konkluzzjoni ohra tkun effettivament tikkostitwixxi kontro-sens legali ghall-import u effett guridiku tad-decizjoni tad-29 ta' Novembru 2013.

Il-fatt li l-intimati wkoll intavolaw Rikors ghall-izbank tas-somma ta' €6,971.47 bl-ebda mod ma jista' jkun ta' ostakolu ghat-talba tar-Rikorrenti peress illi huma avvanzaw tali talba b'Rikorsipprezentat fl-10 ta' Dicembru 2013, jigifieri **wara** d-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta li biha appuntu giet revokata l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13 fir-rigward tal-fond "Watercolours" Dawret il-Gzejjer, Bugibba, u li fil-kuntest taghha gew mghoddija dawk il-flus. Fil-fehma tal-Qorti una volta pronuncjata tali revoka ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid, il-kreditur ezekutant ma jkollux iktar dritt jitlob l-izbank ta' kwalunkwe ammont depozitat in segwitu ghall-esekuzzjoni hekk revokata. Din l-osservazzjoni ssib konferma anke f'dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Mifsud et noe v. Philip Toledo pro et noe et, Citaz. Nru. 47/76** deciza fl-20 ta' Marzu 2003, dwar l-Artikolu 944 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – *dan l-artikolu, pero ma jipprovdix ghac-cahda tat-talba attrici f'kaz li ma tigix dedotta fi zmien hmistax-il gurnata izda li s-somma depositata tista' tigi zbankata mill-kreditur ezekutant. Dan l-izbank il-Kontrollur tad-Dwana kien fid-dritt li jitolbu darba li l-kawza ma gietx intavolata fi zmien hmistax-il gurnata, pero, il-persuna milquta jibqaghlha xorta wahda d-dritt li tipprova tattakka l-hrug tal-Mandat esekuttiv relattiv, u jekk tirnexxi fl-azzjoni, li titlob ir-rifuzjoni tal-flus depozitati u zbankati*[4].

Jigi ribadit ghalhekk li ladarba fil-kaz in ezami r-revoka ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 218/13 fir-rigward tal-fond "Watercolours" Dawret il-Gzejjer,

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti.

Bugibba, sehhet **qabel** it-talba ta’ l-intimati ghall-izbank tas-somma ta’ €6,971.47 depozitata mill-Marixxall in segwitu ghal dik l-istess eskuzzjoni tal-Mandat, l-istess intimati ma jistghux iktar jistrihu fuq xi jedd jew dritt ghall-fini li jigu awtorizzati jizbankaw dawk il-flus.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li t-talba tar-Rikorrenti jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tordna li l-okkju ta’ dawn il-proceduri jigi korrett biex jigi jaqra bhall-okkju tac-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 1123/13, ossia li jigi jaqra “Fl-atti tac-Cedola ta’ Depozitu 1123/13 fl-ismijiet: Il-Marixxall v. Joseph u Mary Zahra u Micheal Spiteri” u fil-meritu filwaqt li tichad l-oggezzjonijiet kollha ta’ l-intimati tilqa’ t-talba tar-Rikorrenti u tawtorizza r-rilaxx favur taghhom tas-somma ta’ €6,971.47 depozitata taht l-Awtorita ta’ din il-Qorti bic-Cedola ta’ Depozitu Nru. 1123/13 fl-ismijiet “Marixxall v. Joseph u Mary Zahra u Michael Spiteri”. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------